



# L-Iżvilupp tal-Qrendi matul iż-żmien

*Kitba ta'*

**Gabriel Farrugia**

## Introduzzjoni

Il-Qrendi huwa raħal żgħir fin-nofsinhar ta' Malta. Żgħir kemm hu żgħir ir-raħal tal-Qrendi, ma ngħidux li m'hemmx storja ta' kif dan il-villaġġ kiber matul dawn iż-żminijiet; mill-bidu tat-tempji Neolitiċi ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, għal żmien il-Feniċi u nibqgħu sejrin sal-lum. Naraw l-iżviluppi fir-raħal kemm mill-bini u teknoloġija u kif ukoll min-naħa tal-kultura. U minn dan ser noħroġ żewġ temi prinċipali ta' dan il-proġett: Il-kultura u l-bini, l-iżviluppi matul iż-żminijiet.

## i. Il-Bini u l-Edukazzjoni

L-iskola tal-Qrendi mhux minn dejjem kienet kif nafuha llum. L-ewwel skola inbdiet fl-1861 u l-livell ta' l-edukazzjoni moffri mill-iskola kien għadu bikri u mhux ta' livell għoli. L-idea kienet minn Mikiel Anton Vassalli – fl-1795 – li meta evalwa l-popolazzjoni tal-Qrendi, ħaseb li tinbena skola b'għalliem wieħed. L-ewwel rapport ta' Paolo Pullicino kien fl-1850 fejn iddikjara li l-iskola tieħu biss sat-tielet kategorija – jiġifieri sat-tielet klassi – fejn imbagħad l-istess persuna fetaħ l-iskola tal-Qrendi fl-1861. Kien maħsub li jibdew jattentu 60 tifel u 60 tifla bħala bidu ta' din l-iskola. Il-pjan beda tajjeb u sas-17 ta' Diċembru 1861, kienu jattendu 55 tifel u 70 tifla.

Carmen Lia tikteb dwar it-tagħlim fil-klassjiet: "Fl-Ewwel Klassi kien isir qari bil-Malti, il-bidu tal-kitba, introduzzjoni għall-Aritmetika u t-tagħlim tar-Reliġjon... Fir-Raba' jew l-aħħar klassi kellhom qari bit-Taljan u l-Ingliż, il-Ġometrija, il-Ġografija, l-Istorja Naturali, Book-keeping u t-tagħlim tar-Reliġjon."

Il-ħinijiet kienu mit-8 sal-11 u mis-2 sa l-4 għas-subien; għall-bniet kienu mit-8:30 sal-11:30 u mis-2:30 sa l-4:30. L-iskola baqgħet tikber u bidlet anke l-lokalità tagħha fir-raħal. Mid-dar ta' persuna jisimha Gerit għat-triq prinċipali f'post imsejjaħ ta' Samuel.

In-nies tar-raħal ma kinux xi nies t'edukazzjoni kbira iżda pjuttost agrikoli. Bosta familji ma kinux jaffordjaw li t-tfal tagħhom jintbagħtu l-iskola bl-ispejjeż tagħhom: kotba, pitazzi, lapsijiet, riga; kull ħaġa li tista timmaġina li jkollok bżonn għall-iskola. Għalhekk kienu jippreferu li jibagħtu t-tfal tagħhom fl-għelieqi ta' missierhom għall-għajnuna meħtieġa għall-familja.

Qabel faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, l-iskola tal-Qrendi ġiet trasferita fi Triq iż-Żurrieq. Waqt il-gwerra meta kien ikun hemm xi attakki, il-lezzjonijiet ta' l-iskola kienu jsiru fix-xelter u meta l-attakk kien jgħaddi kienu jerġgħu jitilgħu barra x-xelter u jkomplu l-lezzjoni fl-apert.

Carmen Abdilla tikteb: "Hemm isfel fil-mina li kienet tkun speċi ta' kuritur konna noqogħdu bilqiegħda fuq twavel poġġuti fuq żewġ ġebliet jew knatan. Fuq irkupptejna konna nżommu bagalja ċkejkna ta' l-injam li kienu jagħmlulna l-ġenituri tagħna, biex fl-istess ħin isservina ta' skrivanija."

Il-ħajja ma kinitx faċli fi żmien il-gwerra u għamlet bosta effetti kbar fl-iżvilupp tal-Qrendi. Tgħix ġo xelter ma kinitx ħaġa sabiħa u komda. Carmen Abdilla tikteb: "Kull familja kellha post riservat għaliha. Iva, minkejja dan ta' spiss kien jinqala' l-ġlied fuq xi naqra wisa' misruq minn xi ġar ta' dak li jkun... Filgħaxija mbagħad kulħadd kien jerġa' jniżżel il-friex, u ġo basket il-flus u d-deheb."

Minħabba l-gwerra, bosta nies inqatlulhom parti mill-merħliet tagħhom minħabba nuqqas t'ikel; u minn hemm, in-nies tal-Qrendi riedu jsibu xogħol aħjar u bosta minnhom marru t-tarzna. It-tarzna offrietilhom iktar flus u b'hekk iktar flus għall-familja.

Wara li spiċċat il-gwerra, permezz tax-xogħol il-ġdid tat-tarzna n-nies bdew jirkupraw il-flus li tilfu. L-iskola reġgħet bdiet ir-rutina tagħha u studenti ġodda bdew jidħlu ta' kull sena. Minn dawn l-istudenti, il-livell bażiku tal-Qrendi żdied u bosta ddiplomaw f'xogħol tajjeb. Minn hemm, il-Qrendi ħa spinta 'l quddiem permezz ta' l-ewwel skola primarja fil-Qrendi.

B'hekk, in-nies naqsu mill-agrikoltura u żdiedu min-naħa skolastika u edukattiva.

## ii. Il-Popolazzjoni tar-Raħal tal-Qrendi

Naturalment il-popolazzjoni tal-Qrendi żdiedet ferm matul iż-żmien. L-ewwel ċensiment oriġinali f'Malta sar fis-sena 991 mill-Għarab. Dak iż-żmien f'Malta kienu jgħixu 21,000 ruħ li kien numru żgħir ikkumparat mal-lum li jgħixu xi 405,000 ruħ. Il-kittieb Boesgelin jgħid li fl-1530, meta ġew il-Kavallieri, kien hawn 15,000 li imbagħad naqu għal 10,000 ruħ fl-1569. Ir-raġuni ta' dan



setghet kienet l-Assedju l-Kbir ta' l-1565 bin-nies li mietu jew inkella bil-priġunieri li ħadu t-Torok fuq ix-xwieni tagħhom. Fl-1582, insibu li l-Inkwiżitur Visconti sab li f'Malta kienu jgħixu 20,000 ruħ. Minn dak iż-żmien sa l-1741, il-popolazzjoni żdiedet għall-110,000 ruħ.

Il-popolazzjoni ta' Malta baqgħet tikber tant li fl-1948 f'Malta kien hawn 306,996 ruħ. Bosta nies irriżultaw miżżewġa (48.88%), 33.4% ma jafux jaqraw, 81.4% ta' l-irġiel b'impjieg, eċċ.

Fil-Qrendi, fl-1948, kien hawn 2,144 ruħ jiġifieri 0.7% tal-popolazzjoni ta' Malta. Minn 1,333 ruħ fl-1901 sa l-1948 il-popolazzjoni fil-Qrendi żdiedet b'81-il persuna. Il-post tal-Qrendi beda jiġbed l-attenzjoni u n-nies bdew jiġu. Sa l-14 ta' Ġunju 1948, il-popolazzjoni tal-Qrendi kienet hekk:

| Età | Rġiel | Nisa | Total |
|---|---|---|---|
| 0-4 | 180 | 142 | 322 |
| 5-9 | 97 | 112 | 209 |
| 10-14 | 107 | 126 | 233 |
| 15-19 | 94 | 92 | 186 |
| 20-24 | 84 | 77 | 161 |
| 25-29 | 76 | 67 | 140 |
| 30-34 | 77 | 63 | 140 |
| 35-39 | 71 | 49 | 120 |
| 40-44 | 70 | 34 | 154 |
| 45-49 | 48 | 52 | 100 |
| 50-54 | 40 | 43 | 83 |
| 55-59 | 42 | 29 | 71 |
| 60-64 | 46 | 43 | 89 |
| 65-69 | 25 | 25 | 50 |
| 70-74 | 23 | 20 | 43 |
| 75-79 | 9 | 18 | 27 |
| 80-84 | 6 | 4 | 10 |
| 85-90 | 3 | - | 3 |
| 91-94 | - | - | - |
| 95-100 | - | - | - |

Bħalma turi l-istatistika, ħadd ma kellu iktar minn 90 sena forsi minħabba nuqqas ta' mediċini, eċċ. In-nies tal-Qrendi bħala stat soċjali kienu hekk:

| Mhux Miżżewġa | Miżżewġa | Romol | Mhux Speċifikati |
|---|---|---|---|
| 1,310 | 732 | 101 | 1 |
| 687 raġel | 360 mara | | |
| 623 mara | 372 raġel | | |
| | | 39 raġel | |
| | | 62 mara | - |
| 61.1% | 34.1% | 4.7% | 0.1% |

Tfal ta' seba' snin 'il fuq kienu: jafu jaqraw biss 142 subien u 153 bniet, jiktbu u jaqraw 358 subien u 307 bniet u illitterati 382 subien u 401 bniet.

Bħala stat ta' mpjieg kien għadu batut għax bosta min-nies kienu għadhom jaħdmu fir-raba'. Kien hemm b'karigi numru mhux ħażin ta' nies tas-sengħa, filwaqt li dawk ta' livell għoli kienu bilkemm jaslu sa 50 persuna.

Bosta bini fil-Qrendi kien b'żewġ sulari (352) segwiet b'bini ta' b'sular wieħed (92), b'kamra waħda (38) u ta' tip differenti (4) li b'kollox kien jammonta għal 486 dar fil-Qrendi.

Wara l-1948, il-popolazzjoni tal-Qrendi kibret sew u n-nies bdew jgħixu b'mod aħjar kemm bħala livell edukattiv u kif ukoll fl-stat ekonomiku tal-familja.

## iii. Il-Kultura, il-Festi u t-Tradizzjonijiet

Il-metodi u l-mod ta' kif tiċċelebra festa nbidlu mill-passat għall-lum. Bosta affarijiet oħra nbidlu, fosthom tal-ħalib bil-mogħża, viti ta' l-ilma u nibqgħu sejrin.

### *a) Il-Viti ta' l-Ilma fit-Toroq*

Issa żgur ħadd ma jimmaġina joħroġ fit-triq ħdejn għajn ta' l-ilma sabiex jimla xi barmil għall-użu personali fid-dar. Iżda fil-Qrendi u f'bosta rħula oħrajn kont issib din l-imbierka għajn f'nofs ta' triq.

Jirrakkonta Oreste Mifsud: "Illum il-ġurnata ħadd ma jgħaddilu minn rasu li biex isib l-ilma d-dar, kien ikun irid jimla xi bramel mill-għejjun pubbliċi. Imma fi żmien meta l-vit kien għadu nieqes minn ċert djar, bilfors bosta familji kellhom ifittxu xi vit fit-triq biex jimlew l-ilma fil-bramel u jġorruh lejn id-dar. Niftakar tajjeb li kien hemm vit ħdejn il-knisja parrokkjali, ieħor ħdejn il-knisja tas-Salvatur u ieħor Bieb ix-Xagħra. Il-vit kien ikun maqtugħ 'il fuq mill-art biex taħtu jidħol barmil, u ma' l-art kien ikun hemm speċi ta' vaska kbira biex l-ilma li jaqa' fl-art ma jitferrixx kullimkien, iżda kien jibqa' lokalizzat madwar l-għajn. Kien ikun ilma ċar u tajjeb ġej, dirett mill-ġibjun għax dakinhar la konna nagħmlu *boreholes*, la *reverse-osmosis* u xejn minn dan."

Il-ħajja f'dawk iż-żminijiet kienet itqal iżda issa l-Qrendi żviluppa u l-ilma sar iktar faċli biex iġġibu fid-dar.

### *b) Tal-ħalib*

Għad ta' nies anzjani jiftakru tal-ħalib bil-mogħża. Kien jiġi wara l-bieb u jsaqsik kemm trid ħalib. Jibda jaħleb il-mogħża dak il-ħin stess, itik xi flixkun jew tnejn ħalib u tħallsu. Il-problema kien il-mard għax ħalib mhux ipproċċessat jaf jifdallu xi mikrobi u jikkawża l-mard.

Il-marda kienet tkun id-deni rqiq. Imn'Alla kien is-Sur Temi Zammit li sab il-fejqan minnha u minn hemm 'il quddiem, il-ħalib beda jiġi pproċċessat. U minn hemm, spiċċajna bil-kartuna tal-ħalib bnin u mhux dirett mill-mogħża.

### ċ) Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann

Din kienet tradizzjoni antika meta ż-żgħażagħ kienu jduru d-djar tal-Qrendi kollha, f'kull triq u sqaq, iħabbtu sabiex jitolbu xi biċċa għamara antika jew imsewsa tajba biss għall-ħruq. Ġeneralment xi siġġu mkisser, xi sodda ta' l-injam jew xi gwardarobba kienu jingħataw u dawn kienu jorbtuhom u jinġarru sakemm iduru d-djar kollha.

Wara li jlestu, kienu jmorru fiċ-ċentru tal-pjazza u jitfgħu l-injam kollu fuq xulxin forma ta' piramida, ixerrdu l-pitrolju u wara, iż-żgħażagħ jaqbdu s-sulfarini, jixegħluhom u jagħtu n-nar lill-ħuġġieġa kbira imsejħa



l-Huġġieġa ta' San Ġwann.

In-nar kien jibqa' mixgħul lejl sħiħ u arahom in-nies flimkien maż-żgħażagħ jaqbżu u jduru mal-ħuġġieġa sakemm din tintefa. Naqra tniġġiż fl-arja ma kinux jagħtu kasu, kuntrarju għal-lum li l-arja ta' madwarna tniġġset wisq. Din it-tradizzjoni kienet qisha żvog għaż-żgħażagħ.

*d) It-Trasport*

Ma nistgħux ngħidu li ma kienx hemm żvilupp totali fit-transport mill-karettun għall-karozza. Qabel ma kienx hawn teknoloġija biżżejjed u l-karozza ma kinitx għadha vvintata. Allura, kienu jużaw dak li ngħidulu l-karettun iġifieri żiemel iġorr in-nies jew inkella xi oġġetti tal-bejjiegħ.

Minbarra l-karettun kien hemm ukoll ir-rota. Ir-rota għalkemm antika għadha xorta tintuża llum u saret iktar moderna u mezz eħfef ta' trasport. Ir-rota kienet mezz tajjeb għan-nies fi żmien 19-20 seklu u kienet mezz li ma kienx iħammeġ l-ambjent ukoll.

Kien hemm il-ħmara. Illum il-ħmara rari tintuża; din il-persuna kienet titla' fuq il-ħmara biex tivvjaġġja minn post għall-ieħor. Issa li daħlet il-karozza, il-ħmara m'għadiex tintuża.

## Kwestjonarju

Għamilt kwestjonarju dwar x'jaħsbu n-nies fuq il-Qrendi. In-nies ġew mitluba biex iwieġbu dawn il-mistoqsijiet:

1. Int taħseb li l-Qrendi żviluppa?
2. Il-kultura tar-raħal inbidlet xejn minn tfulitek u llum?
3, Taħseb li fil-Qrendi hemm bżonn ta' bank?
4. Taħseb li fil-Qrendi għandu bżonn jinbena ċentru sportiv?

Ir-riżultati (li rrispondew iva) huma dawn:




Ir-riżultati (li rrispondew le) huma dawn:




Ir-riżultati (li irispondew ma nafx) huma dawn:




Mill-kwestjonarju, jidher ċar dak li n-nies jaħsbu dwar il-Qrendi. Jirriżulta b'mod ċar li f'kull età, kull persuna tixtieq li jinfetħu bank u ċentru sportiv fil-Qrendi. Dan jirriżulta f'wieħed mill-affarijiet li l-Qrendi għad baqgħalu fejn jiżviluppa.

Tidher ukoll differenza fil-mod kif irrispondew in-nies fl-ewwel żewġ mistoqsijiet. Il-biċċa l-kbira rrispondew li jaħsbu li l-Qrendi żviluppa fejn ftit nies bejn l-etajiet ta' 1-20, 21-30 u 51-60 ħasbu li ma żviluppax, u numru żgħir (1-20 u 61+) li qau ma jafux.

Il-folja tinqaleb meta niġu għat-tieni mistoqsija. Il-biċċa l-kbira mill-etajiet ta' 1-40 u 51-60, jaħsbu li ma żviluppax jew inkella ma jafux. Naraw li fl-etajiet ta' bejn 21-30, l-ebda persuna ma qal li żviluppa. Għad li vera li dawn il-persuni ma għexux fil-passat u ma jafux x'kien hemm qabel biex ikunu jistgħu jikkumparaw mal-lum, iżda, jibqa' l-fatt li l-Qrendi, rawħ li baqa' dejjem l-istess. Minn naħa l-oħra, in-nies ta' 61+, kollha qalu li l-kultura inbidlet b'differenza għal ta' l-21-30.

Nirringrazzja lil dawk kollha li rrispondew dan il-kwestjonarju. Ħadu sehem f'dan il-kwestjonarju:

| 1-20 | 21-30 | 31-40 | 41-50 | 51-60 | 61+ |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 | 13 | 12 | 8 | 6 | 4 |

Total ta': 47 persuna

## Konklużjoni

Ma nistgħux ngħidu li l-Qrendi ma kellux bosta żviluppi kemm fin-naħa edukattiva u bini, u kif ukoll min-naħa kulturali. Il-Qrendi tassew għadda minn bosta suriet ta' żvilupp iżda fuq kollox, li ħareġ mill-kwestjonarju u kif ukoll mill-intervista il-Qrendi għad baqagħlu fejn jiżviluppa u mhux kull persuna ħass li l-iżviluppi li saru f'dawn iż-żminijiet kienu biżżejjed.

Għalhekk, hu tassew importanti li l-Qrendi jibqa' jħares dawn l-aspetti bħala rikordju u nitgħallmu minnhom biex niżviluppaw b'mod aħjar dak li għandna għall-futur.

*Il-Bord Editorjali juri l-apprezzament tiegħu lejn Gabriel Farrugia li f'età żgħira sar kontributur ta' dan il-ktieb. Minn qalbna nawguraw li aktar żgħażagħ jimitawh.*